# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**ILLUM 14 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru. 58**.

**Citazz. Nru. 1231/00 JRM**

**Fr. Cohn APAP**

**vs**

**Kevin VASSALLO**

## Il-Qorti,

Rat l-Att tac-Citazzjoni ppresentat fit-15 ta' Gunju, 2000, li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-attur tella' u pproduca tlettax-il programm bl-isem ta' "Empowerment" li gie mxandar minn "Super One Television" kull nhar ta' Hamis sa' mill-21 ta' Jannar 1999 'il quddiem bejn it-8:30 u 1-10:30 ta' filghaxija, b'ripetizzjoni nhar ta' Hadd fil-ghodu bejn l-10:00 u 12:00;

Illi permezz ta’ skrittura privata datata 18 ta’ Jannar 1999 (kopja taghha hawn annessa u markata bhala dokument ittra A”) l-attur obbliga ruhu illi jipprovdi lill-konvenut il-hin u l-ispazju ta’ xandir ghal seba’ (7) minuti fil-programm tieghu hawn fuq imsemmi liema hin u spazju kellu jigi utilizzat mill-konvenut ghall-pubblicita’ u riklami (“advertising space”);

Illi ghal dan 1-advertising space il-konvenut obbliga ruhu illi jhallas lill-attur korrispettiv fis-somma ta’ erba’ mija u hamsin liri maltin (Lm450) ghal kull programm illi fih ikun inghata 1-imsemmi “advertising space”, kif ukoll obbliga ruhu illi jikkonsenja lill-attur computer IBM Pentium II u Modem ta’ 56 Kilobytes kif ukoll Veto Palm Top Computer u dan bhala parti mill-imsemmi korrispettiv;

Illi l-attur obbliga ruhu wkoll li jipprovdi lill-konvenut spazju addizjonali ghall-pubblicita u riklami (additional advertising space) ta’ minuta ghall-liema additional advertising space il-konvenut obbliga ruhu illi jhallas lill-attur il-korrispettiv t’elf liri maltin (Lml000) li kellu jithallas kwantu ghal hames mitt liri maltin (Lm500) fi flus kontanti fuq talba ta’ l-attur u l-bilanc ta’ hames mitt liri maltin (Lm500) fi hwejjeg;

Illi l-programmi hawn fuq imsemmija gew imxandra u l-konvenut ipprovda 1-advertising space kollu pattwit bejniethom fl-iskrittura privata hawn fuq imsemmija;

Illi l-istess konvenut utilizza l-imsemmi hin li kien a disposizzjoni tieghu;

Illi minkejja d-diversi talbiet illi sarulu mill-attur sabiex ihallas lill-attur il-korrispettiv fi flus kontanti kif ukoll li jikkonsenjalu l-apparat ta’ computers hawn fuq imsemmija, liema talbiet kienu saru kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, inkluz permezz t’ittra bonarja tat-30 ta’ Novembru 1999, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' sitt elef tlett mija u hamsin liri maltin (Lm6350) rapprezentanti parti mill-korrispettiv dovut lill-attur mill-konvenut in kontanti ghall-advertising space pattwit kif hawn fuq imsemmi;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' sitt elef tlett mija u hamsin liri maltin (Lm6350*)* rapprezentanti parti mill-korrispettiv dovut lill-attur mill-konvenut fi flus kontanti ghall-advertising space hawn fuq imsemmi;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jikkonsenja lill-attur computer IBM Pentium II u Modem ta' 56 Kilobytes kif ukoll Velo Palm Top Computer u dan bhala parti mill-imsemmi korrispettiv ghall-advertising space hawn fuq imsemmi;

4. Tikkundanna lill-istess konvenut jikkonsenja lill-attur computer IBM Pentium II u Modem ta' 56 Kilobytes kif ukoll Velo Palm Top Computer u dan bhala parti mill-imsemmi korrispettiv ghall-advertising space hawn fuq imsemmi u dan fiz-zmien u taht il-modalitajiet li din 1-istess Onorabbli Qorti joghgobha tiddetermina fic-cirkostanzi tal-kaz;

Bl-imghax u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza, inkluz dawk ta' l-ittra bonarja tat-30 ta' Novembru 1999 kollox kontra 1-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda, flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tat-3 t'Awissu, 2000, li bih appuntat is-smiegh tal-kawza ghall-10 t'Ottubru, 2000;

Rat li n-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut, imressqa fil-25 ta' Settembru, 2000, li biha ecepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess attur kien inadempjenti fl-obbligi minnu assunti fil-konfront tal-konvenut kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant l-istess talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-Rikors tal-konvenut imressaq ukoll fil-25 ta' Settembru, 2000 [pagna 14 u 15 tal-process] li bih talab li, minhabba r-ragunijiet hemm imsemmija, jinghata d-dritt li jikkontesta l-kawza u dan minhabba li n-notifika tal-atti tac-Citazzjoni u tas-Smiegh ma kinux skond il-ligi;

Rat id-Degriet taghha tas-26 ta' Settembru, 2000;

Rat li l-attur jopponi ghat-talba tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet dwar din il-kwestjoni;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju;

Rat id-Degrieti taghha tat-11 ta' Jannar, 2001, u dak tas-27 ta' Frar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tal-konvenut li jithalla jikkontesta l-kawza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, minn dak li jidher mill-atti tal-kawza (pagni 9 u 10), kopja tal-Att tac-Citazzjoni u l-Avviz tas-Smiegh gew notifikati lill-imharrek fis-17 t'Awissu, 2000, billi thallew f'idejn certa Mary R. Busuttil. Skond dik ir-riferta, l-imharrek kellu jressaq in-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu sa mhux aktar tard mis-6 ta' Settembru, 2000. Billi ressaq in-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu fil-25 ta' Settembru, 2000, jidher li waqa' kontumaci;

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugha minn din il-Qorti f'isem l-imharrek, ir-raguni ewlenija li ghaliha hu jghid li jkun xieraq u misthoqq li l-kontumacja tieghu titnehha tikkonsisti fil-fatt li, meta l-atti tal-kawza gew notifikati, dawn thallew f'idejn persuna - l-imsemmija Mary R. Busuttil - li ma tirrappresentahx u lanqas hija wahda minn dawk il-persuni msemmija mil-ligi fl-artikolu 187 tal-Kap 12, u li, fit-tieni lok, l-atti tal-kawza gew mghoddijin lilu wara li kien ghalaq iz-zmien li seta' jressaq fil-hin l-eccezzjonijiet tieghu;

Jidher ghalhekk, li l-imharrek qieghed iserrah it-talba tieghu li jithalla jikkontesta l-kawza fuq il-punt tal-validita' tan-notifika. Dwar in-notifika ta' persuna fizika b'atti gudizzjarji, il-ligi tipprovdi dwar kif ghandha ssir tali notifika fl-artikolu 187 (1) tat-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hawnhekk qeghda tifhem li jekk kemm-il darba wiehed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax izjed il-kaz li jitkellem ukoll dwar il-jedd li jnehhi l-kontumacja, ghaliex notifika invalida, jew nuqqas ta' notifika skond il-ligi, ma taghti qatt bidu ghaz-zmien li jimxi kontra il-persuna li, fil-fatt, ma tkun giet notifikata qatt. Wiehed ma jistax jaqa' kontumaci jekk mhux wara li jkun gie validament notifikat b'att tac-Citazzjoni;

Ghalhekk, huwa biss f'kaz li jirrisulta li hemm notifika valida li wiehed jghaddi biex jgharbel jekk il-kontumacja li ssehh tkunx wahda gustifikabbli jew inkella wahda ta' htija,

Illi, l-artikolu 187 (1) jfisser kif, lil min u fejn ghandha ssir in-notifika biex titqies li hija wahda valida u kif ghandha tkun. Dwar il-persuni li ghandhom jista' jithalla l-att gudizzjarju, il-ligi ssemmi lil membru tal-familja tal-persuna li lilha jkun indirizzat l-att, jew membru tad-dar fejn tghammar dik il-persuna, jew xi hadd fis-servizz ta' dik il-persuna, jew inkella f'idejn prokuratur jew persuna awtorizzata biex f'isem dik il-persuna tilqa' l-att. F'kull kaz bhal dan, il-persuni li l-ligi tqis li jistghu jilqghu n-notifika jridu jkunu '1 fuq minn erbatax-il sena u mentalment kapaci jkunu xiehda ta' l-istess notifika;

Illi filwaqt li, fil-kaz ta' notifika ta' korp li jkollu personalita' guridika il-persuna awtorizzata biex tirrappresentaha trid tkun hekk awtorizzata bil-miktub [art. 181A (2)], mhux l-istess jidher li hu l-kaz dwar persuna li hija l-prokuratur jew il-persuna awtorizzata biex tirrappresenta persuna fisika, ghall-finijiet ta' notifika valida;

Illi dwar il-post fejn tista' ssir in-notifika, il-ligi ssemmi tliet imkien: il-post fejn toqghod ii-persuna li ghandha tigi notifikata, jew il-post fejn tahdem jew il-post moghti minnha bhala l-indirizz postali taghha;

Illi mill-provi mressqa waqt is-smiegh tal-kaz dwar dan 1-episodju u kif ukoll minn dak li jirrisulta mill-atti tal-kawza, johorgu dawn il-fatti: (a) in-notifika tal-att tac-Citazzjoni u tal-avviz tas-smiegh saret fis-17 t'Awissu, 2000, fil-fond numru 57, Triq is-Suq, Floriana; (b) in-notifika saret lil u 1-atti gew accettati minn Mary Rose Busuttill, impjegata, dak iz-zmien, ma' V.F. Group of Companies; (c) Busuttil ma rrifjutatx l-atti u m'gharrfitx lill-ufficjal esekutant li m'hijiex awtorizzata tilqa' n-notifika ta' atti f'isem l-imharrek, imma kienet gharrfitu li l-imharrek kien imsiefer; (d) dak inhar li saret in-notifika, l-imharrek kien imsiefer minn Malta u dahal lura Malta l-ghada tan-notifika; (e) 1-imharrek jahdem ma' Faces Consultants Company Limited li, bejn 1-14 t'Awissu, 2000 u t-30 t'Awissu, 2000, kienet maghluqa minhabba x-

shut-down tas-sajf, u l-imharnek dahal lura l-ewwel darba fl-ufficcju fil-bidu tax-xahar ta' wara; (f) fil-bini fejn saret in-notifika, hemm numru ta' kumpaniji b'ufficini separati ghal kull wahda; (g) Rose Busuttil ma kinitx impjegata mal-imharrek; u (h) meta Busuttil ircieviet l-atti tal-kawza, halliethom mas-Segretarju personali tad-direttur esekuttiv tal-V.F. Group li jisimha Rose Espinosa;

## *Ikkunsidral:*

Illi minn kif jidher mis-sottomissjonijiet maghmula mill-imharrek fir-rikons tieghu, ma hux kontestat li 1-post fejn saret in-notifika ma kienx wiehed xieraq jew kif tistabilixxi l-ligi. Fil-fatt, huwa jghid 1i dak l-indirizz huwa 1-post fejn jahdem. Il-qofol tal-kaz tieghu ipoggih fuq il-validita' tat-persuna li f'idejha thallew l-imsemmija atti tal-kawza, billi jghid li Busuttil ma tista' titieghed taht l-ebda wahda mill-erba' kategoriji ta' persuni li, minbarra l-individwu li lilu personalment huwa indirizzat bl-att gudizzjarju li ghandu jkun notifikat, jistghu jilqghu tali atti fismu;

Illi, min-naha l-ohra, l-attur jishaq li 1-indirizz moghti u li fih saret in-notifika kien dak li l-imharrek innifsu kien tah u kien il-post fejn ir-rabta kuntrattwali ta' bejniethom tnisslet u mxiet 'il quddiem sa fejn imxiet. L-abbli difensur tal-attur jishaq li l-persuna li rceviet l-atti f'isem l-imharrek ghandha titqies bhala "mandatarja" tieghu u ghalhekk wahda minn dawk il-persuni li l-ligi tfisser li jistghu jilqghu n-notifika. B'zieda ma' dan, itenni li, skond il-ligi taghna, il-mandat m'ghandux ghalfejn ikun bil-miktub, imma jista' jsir ukoll b'mod implicitu;

Illi l-Qorti qieset sewwa s-sottomissjonijiet maghmula mill-avukati tal-partijiet, l-izjed dwar dan l-ahhar punt, u ssib li r-regoli tal-kuntratt tal-Mandat kif imfissra fil-Kodici Civili jitolbu xi haga izjed minn semplici presenza kazwali li tigi meqjusa minn episodji mhux frekwenti. Kif xehdet Rose Busuttil innifisha, hija ma kinitx il-persuna li normalment kienet imqabbda biex tilqa' l-posta u n-nies li kienu jridu

jiltwasslu ghand dawk li jahdmu fil-korp ta' bini fejn jahdem l-imharrek. Stqarret li kienet taghmel dan meta min kien impjegat ghal hekk kienet tkun bil-*break*. Huwa ghalhekk difficli li jinghad li, dak inhar li l-ufficjal tal-Qorti halla l-atti f'idejn Rose Busuttil, kien qieghed ihallihom ma' mandatarja tieghu, ukoll fis-sens wiesgha tat-tifsira tal-kelma. L-imgiba ta' Busuttil stess, li minnufih ghaddiet il-karti lis-segretarja ta' d-direttur esekuttiv tal-Grupp, jixhed b'mod car dan in-nuqqas ta' "hatra";

Illi, minbarra dan, dawn il-Qrati diga' kellhom okkazjoni fejn jiddikjaraw li, fejn att gudizzjarju jigi notifikat fil-konfront ta' persuna meta dik il-persuna tkun imsiefra, tali notifika titqies invalida ghal-finijiet tal-ligi [ara sentenza moghtija fit-**3 t'Ottubru 1994,** fil-kawza fl-ismijiet Victor Soler nomine vs Brian Woolner (Citazz. 1484/93AJM). Dan kien japplika wkoll jekk iz-zmien ta' tali safar ikun imqar ghal parti biss miz-zmien utli li wiehed ikollu biex iressaq l-eccezzjonijiet tieghu fil-kawza;

Illi, ghar-rigard tas-sentenza Naudi Montaldo nomine vs Xuereb imsemmija mill-avukat tal-attur waqt it-trattazzjoni, dik kienet tirreferi ghal kaz ta' kontumacja minhabba illiterizmu u kienet, fit-fatt, qieset il-kontumacja tal-konvenut bhala gustifikabbli. Ghalhekk, huwa kaz ghal kollox differenti mill-qaghda applikabbli f'dan il-kaz;

Illi, ghalhekk, mill-fatti hawn fuq imsemmija u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula, il-Qorti ssib li n-notifika tal-att tac-Citazzjoni u tal-Avviz tas-Smiegh saret validament fil-post imsemmi fl-artikolu 187 (1), imma jidhrilha li ma saritx f'idejn persuna li skond il-ligi kienet dik xierqa biex tircievi l-atti f'isem l-imharrek. Dan jinghad minkejja n-nisga ta' interessi li jidher li tesisti bejn l-imharrek u dirigenti tal-kumpanija li maghha huwa jahdem;

Din il-Qorti, specjalment f'materja teknika bhalma hija l-kwestjoni ta' validita' ta' notifika, jkollha ssegwi fedelment dak li tghid il-ligi tal-procedura;

Illi, ghalhekk, fil-verita' l-imharrek ghadu ma giex

validament notifikat u ghalhekk, fid-dawl ta' dak li nghad izjed 'il fuq, mhux il-kaz li wiehed jidhol fl-esami ta' jekk il-kontumacja tieghu hijiex gustifikabbli jew le;

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors tal-imharrek Kevin Vassallo billi tibqa' t-tatba, u, a skans li jerga' jigi notifikat mill-gdid u ghal raguni ta' pratticita' u ekonomija ta' spejjez, thallih iressaq in-Nota tal-Eccezzjonijiet li huwa ippresenta kontestwalment mar-rikors minghajr il-htiega ta' Nota ulterjuri.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Rcgistratur**
**l4 ta' Marzu, 2001.**

*14 ta' Marzu, 2001.*